

Brussell, 29 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

11259/26

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0238 (COD)

COH 126
RELEX 924
FIN 985
CADREFIN 316
POLGEN 184
CODEC 1340

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 10161/26 + COR 1	
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali inkluż għall-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (Interreg) u l-Fond ta' Koeżjoni bħala parti mill-Fond stipulat fir-Regolament (UE) [...] [SNR] u l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-iżvilupp reġjonali mill-2028 sal-2034 <i>- Approċċ ġenerali parzjali</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż it-test tal-approċċ ġenerali parzjali dwar l-abbozz ta' Regolament imsemmi hawn fuq, li ntlaħaq fil-laqgħa tal-Kunsill (Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur) tad-29 ta' Ġunju 2026¹. Il-bidliet fit-test tal-proposta tal-Kummissjoni (id-dokument 11768/25 + ADD 1) huma mmarkati b'**tipa grassa** għaż-żidiet u [...] għat-tħassir.

¹ Id-[*dispożizzjonijiet fil-parentesi*] huma esklużi mill-approċċ ġenerali parzjali.

2025/0238 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

[...] dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali [...] inkluż għall-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (Interreg) u l-Fond ta' Koeżjoni bħala parti mill-Fond stipulat fir-Regolament (UE) [SNR] u l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-iżvilupp reġjonali mill-2028 sal-2034

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 177, 178 u 349 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni³,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

² ĠU C, C/2026/875, 27.2.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2026/875/oj>.

³ ĠU C , , p. .

- (1) L-Artikolu 176 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi li l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) huwa intiż biex jgħin fit-tnaqqis tal-iżbilanċi reġjonali prinċipali fl-Unjoni. Skont dak l-Artikolu u [...] l-Artikolu 174 TFUE, il-FEŻR għandu jikkontribwixxi għat-**tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni permezz tat-tnaqqis tad-disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni varji u r-ritard ta' daww ir-reġjuni li huma inqas favoriti, li fosthom tingħata attenzjoni partikolari liż-żoni rurali, liż-żoni affettwati mit-tranżizzjoni industrijali, u lir-reġjuni li jsufu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi severi u permanenti, inkluż b'mod partikolari żvantaġġi li jirriżultaw minn tnaqqis demografiku, bħar-reġjuni tat-Tramuntana l-aktar imbiegħda b'densità ta' popolazzjoni baxxa ħafna, il-gżejjer, u r-reġjuni transfruntieri u muntanjużi.**
- (2) Il-Fond ta' Koeżjoni għe stabbilit sabiex jikkontribwixxi għall-oġettiv ġenerali ta' tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi jipprovdi kontribuzzjonijiet finanzjarji **fl-Istati Membri b'ING per capita ta' inqas minn 90 % tal-medja tal-UE, għal proġetti** fl-oqsma tal-ambjent u ta' networks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport (TEN-T), kif stipulat fir-Regolament (UE) [...] **2024/1679** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴.
- (3) Dan l-appoġġ tal-Unjoni fil-qafas tal-FEŻR u tal-Fond ta' Koeżjoni għandu jiġi pprovdut taħt [...] **il-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà ("il-Fond")**, f'konformità mar-regoli li jirregolaw dak il-Fond u stipulati fir-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar l-SNR] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵.

⁴ Ir-Regolament (UE) [...] **2024/1679** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [...] **tat-13 ta' Ġunju 2024** dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport, **li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1153 u (UE) Nru 913/2010** u li jħassar [...] **ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L, 2024/1679, 28.6.2024, p. 1).**

⁵ ĠU ...

- (4) Ir-Regolament (UE) XX [ir-Regolament dwar l-SNR] jistabbilixxi regoli komuni applikabbli għal diversi fondi inkluż il-FEŻR, il-Fond Soċjali Ewropew (“FSE”), il-Fond ta’ Koeżjoni, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (“FEMS”), il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil (“AMIF”, Asylum and Migration Fund), il-Fond għas-Sigurtà Interna (“ISF”, Internal Security Fund) u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (“BMVI”, Border Management and Visa Instrument) li joperaw taħt qafas komuni (“il-Fondi”).
- (5) Jenħtiegħ li l-prinċipji orizzontali kif stipulati fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (“TUE”) u fl-Artikolu 10 TFUE, inkluż il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità kif stipulati fl-Artikolu 5 TUE, jiġu rrispettati fl-implimentazzjoni tal-FEŻR u tal-Fond ta’ Koeżjoni, filwaqt li titqies il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Jenħtiegħ li l-Istati Membri jirrispettaw ukoll l-obbligi tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta’ Persuni b’Diżabilità u jiżguraw l-aċċessibbiltà f’konformità mal-Artikolu 9 tagħha u f’konformità mad-dritt tal-Unjoni li jarmonizza r-rekwiżiti ta’ aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi. Jenħtiegħ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jimmiraw li jeliminaw l-inugwaljanzi u jippromwovu l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u jintegraw l-perspettiva tal-ġeneru, kif ukoll jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-orġini etnika, ir-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Jenħtiegħ li l-Fondi ma jappoġġawx azzjonijiet li jikkontribwixxu għal xi forma ta’ segregazzjoni. Jenħtiegħ li l-oġġettivi tal-FEŻR u tal-Fond ta’ Koeżjoni jiġu segwiti fil-qafas tal-iżvilupp sostenibbli u tal-promozzjoni mill-Unjoni tal-għan li l-kwalità tal-ambjent tiġi ppreżervata, protetta u mtejbja kif stipulat fl-Artikoli 11 u 191(1) TFUE, filwaqt li jitqies il-prinċipju ta’ min iniġġes iħallas. Sabiex tiġi protetta l-integrità tas-suq intern, l-operazzjonijiet li jibbenefikaw minnhom l-impriżi għandhom jikkonformaw mar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat kif stipulat fl-Artikoli 107 u 108 TFUE.

- (6) Jenħtieġ li l-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni jikkontribwixxu għall-oġġettivi [...] **ġenerali** stipulati fl-[...] **Artikolu 2 tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar l-SNR] u għall-oġġettivi speċifiċi rilevanti stipulati fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar l-SNR]**, fi ħdan il-kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi tagħhom stipulati fit-Trattati. Jeħtieġ li jiġu speċifikati aktar [...] **il-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni** tal-appoġġ mill-FEŻR u, **fejn rilevanti**, il-Fond ta' Koeżjoni għal żoni żvantaġġati, żoni urbani, **reġjuni li qed jiffaċċjaw sfidi strutturali speċifiċi minħabba l-pożizzjoni tagħhom fil-fruntieri esterni tal-Unjoni**, b'mod partikolari r-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant li qed jiffaċċjaw l-isfida doppja tat-tisħiħ tar-reżiljenza u s-sigurtà ċivili filwaqt li jiġu indirizzati l-impatti soċjoekonomiċi enfasizzati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reġjuni tal-Lvant tal-UE li jmissu mar-Russja, il-Belarussja jew l-Ukrajna u r-reġjuni ultraperiferiċi, sabiex tiġi promossa l-konverġenza 'l fuq madwar l-Unjoni. Jeħtieġ ukoll li jiġu speċifikati ulterjorment il-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ għall-Istati Membri kkonċernati għal proġetti fl-oqsma tal-ambjent u tan-networks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport (TEN-T). Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg).
- (7) F'konformità mal-prinċipju tal-ġustizzja interġenerazzjonali u l-impenn tal-Unjoni għad-drittijiet tat-tfal u tal-Istrateġija għaż-Żgħażagħ, jenħtieġ li l-FEŻR [...] **ikun jista'** jappoġġa miżuri li jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli għall-ġenerazzjonijiet futuri, jippromwovi l-aċċess għal opportunitajiet għaż-żgħażagħ fit-territorji kollha, u jindirizza il-ħtiġijiet speċifiċi taż-żgħażagħ f'żoni żvantaġġati, b'mod partikolari f'reġjuni żvantaġġati u depopolati, inkluż infrastruttura għall-ħiliet, l-innovazzjoni, l-intraprenditorija, **it-tranżizzjoni ġusta**, l-għajxien sostenibbli [...], il-kultura jew l-isport **u d-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju**. Tali appoġġ jista' jiġi implimentat permezz ta' strateġiji urbani jew lokali integrati.

- (8) [...] Jenħtiegħ li ma jingħatax appoġġ għal azzjonijiet li jikkontribwixxu għal kwalunkwe forma ta' segregazzjoni jew ta' esklużjoni ta' persuni b'diżabilità u ta' komunitajiet [...] **marġinalizzati** [...]. **Jenħtiegħ li l-Istati Membri, u b'mod partikolari dawk bi sfidi sinifikanti tal-popolazzjoni Rom, jagħtu attenzjoni speċifika lill-ugwaljanza u lill-inklużjoni tar-Rom.**
- (9) Bl-għan li jiġi promoss l-iżvilupp urban sostenibbli, jitqies li huwa meħtiegħ li jiġi appoġġat l-iżvilupp territorjali integrat sabiex l-isfidi ekonomiċi, ambjentali, klimatiċi, demografiċi u soċjali li jaffettwaw iż-żoni urbani, inkluż iż-żoni urbani funzjonali, jiġu indirizzati b'mod effettiv filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġu promossi rabtiet bejn iż-żoni urbani u dawk rurali. Jenħtiegħ li l-miżuri li jirriflettaw dawn l-approċċi jiġu stabbiliti [...] fil-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali.
- (10) Jenħtiegħ li tingħata attenzjoni speċifika lir-reġjuni ultraperiferiċi, b'mod partikolari bl-adozzjoni ta' miżuri skont l-Artikolu 349 TFUE li jipprevedu miżuri għar-reġjuni ultraperiferiċi biex jikkompensaw il-kostijiet addizzjonali mgħarrba f'dawn ir-reġjuni minħabba waħda mir-restrizzjonijiet permanenti jew diversi minnhom, imsemmija fl-Artikolu 349 TFUE, jiġifieri l-pożizzjoni remota, l-insularità, iċ-ċokon, it-topografija u l-klima diffiċli, id-dipendenza ekonomika fuq ftit prodotti, fatturi li l-permanenza u t-taħlita tagħhom jillimitaw b'mod sever l-iżvilupp tagħhom. Sabiex tiġi protetta l-integrità tas-suq intern, u kif huwa l-każ għall-operazzjonijiet kollha kofinanzjati mill-FEŻR u mill-Fond ta' Koeżjoni, jenħtiegħ li kwalunkwe appoġġ tal-FEŻR għall-finanzjament tal-għajnuna operatorja u għall-investiment fir-reġjuni ultraperiferiċi jikkonforma mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat kif stipulati fl-Artikoli 107 u 108 TFUE.
- (11) Sabiex jiġi appoġġat l-iżvilupp armonjuż tat-territorju tal-Unjoni f'livelli differenti, jenħtiegħ li l-FEŻR [...] **permezz tal- Pjan** Interreg jappoġġa l-kooperazzjoni transfruntiera, il-kooperazzjoni tranżnazzjonali, il-kooperazzjoni interreġjonali u l-kooperazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi [...].

- (11a) Jenħtieġ li l-kooperazzjoni transfruntiera tindirizza b'mod konġunt l-isfidi identifikati fir-reġjuni tal-fruntiera u tgħin biex ikun jista' jintuża l-potenzjal mhux sfruttat tagħhom. Jenħtieġ li tinvolvi wkoll il-kooperazzjoni ma' pajjiżi, reġjuni jew territorji barra mill-Unjoni. Jenħtieġ li l-fergħa tkopri reġjuni u żoni fil-fruntiera jew separati b'massimu ta' 150 km ta' baħar, fejn tista' sseħħ interazzjoni transfruntiera jew jistgħu jiġu identifikati żoni funzjonali, mingħajr preġudizzju għall-aġġustamenti potenzjali meħtieġa biex jiġu żgurati l-koerenza u l-kontinwità.
- (11b) Filwaqt li jitqiesu l-istrateġiji makroreġjonali u tal-baċiri tal-baħar, jenħtieġ li l-fergħa tal-kooperazzjoni tranżnazzjonali ssaħħaħ il-kooperazzjoni fuq territorji akbar jew madwar il-baċiri tal-baħar bi flessibbiltà biex jiġu żgurati l-koerenza u l-kontinwità, permezz ta' azzjonijiet li jappoġġaw l-integrazzjoni territorjali, bl-involvement ta' sħab mill-Istati Membri u minn Stati mhux membri, b'rispett sħiħ tas-sussidjarjetà.
- (11c) Jenħtieġ li l-fergħa tal-kooperazzjoni interreġjonali tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-effettività tal-politika ta' koeżjoni permezz tal-identifikazzjoni, l-iskambju u t-trasferiment ta' prattiki tajbin u approċċi innovattivi b'appoġġ għall-oġġettivi speċifiċi u l-oġġettivi speċifiċi għal Interreg; billi tissaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet Interreg; permezz tal-iskambju tal-esperjenza u l-bini tal-kapaċità rigward l-iżvilupp urban sostenibbli u integrat; u permezz tal-analiżi tax-xejriet tal-iżvilupp b'appoġġ għall-oġġettiv tal-koeżjoni territorjali. Għalhekk jixraq li fil-Pjan Interreg jiġu inklużi kapitoli ddedikati b'appoġġ għall-kooperazzjoni interreġjonali, li jkopru l-Unjoni kollha u jippermettu l-parteċipazzjoni ta' Stati mhux membri.
- (11d) Jenħtieġ li fergħa ta' kooperazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi tippermetti lir-reġjuni ultraperiferiċi jintegraw aħjar fil-baċiri reġjonali rispettivi tagħhom permezz ta' kooperazzjoni mal-pajjiżi u t-territorji ġirien tagħhom bl-aktar mod effettiv u sempliċi, filwaqt li jitqiesu r-restrizzjonijiet strutturali tagħhom u jiġu previsti miżuri speċifiċi kif previst fl-Artikolu 349 TFUE.
- (11e) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-flessibbiltà li jittrasferixxu r-riżorsi bejn il-fergħat fi ħdan limiti definiti.

- (12) Jenħtieġ li l-Interreg jiġi implimentat barra mill-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, fil-forma ta' Pjan Interreg bl-għan li jipprevedi l-kuntest speċifiku tal-oġettiv ta' kooperazzjoni u l-modalitajiet ta' implimentazzjoni meħtieġa ta' proġetti multinazzjonali inkluż l-ispeċifikitajiet tal-erba' ferġat. **Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet dwar it-thejjja, l-approvazzjoni u l-emendar tal-kapitoli tal-Pjan Interreg, dwar il-kumitat ta' monitoraġġ u dwar il-funzjonijiet tal-awtoritajiet tal-kapitolu jiġu pprovduti b'kunsiderazzjoni tal-ispeċifikitajiet tal-kapitoli tal-Pjan Interreg. Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-approvazzjoni tal-kapitoli tal-Pjan Interreg, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata wkoll is-setgħa li tapprova emendi għall-kapitoli tal-Pjan Interreg, abbażi ta' talbiet motivati ppreżentati mill-Istat Membru li jospita l-awtorità maniġerjali. Jenħtieġ li l-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni ma tkunx meħtieġa għall-korrezzjoni ta' żbalji klerikali jew għal aġġustamenti żgħar. Jenħtieġ li meta l-Kummissjoni tadotta deċiżjoni li tapprova kapitolu tal-Pjan Interreg, din tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 110(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶. Għall-approvazzjoni sussegwenti tal-kapitoli tal-Pjan Interreg ippreżentati fi żminijiet differenti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tadotta deċiżjonijiet emendatorji sabiex il-kapitoli kollha tal-Pjan Interreg approvati jkunu inklużi f'deċiżjoni konsolidata unika. Jenħtieġ li l-iskadenza għall-adozzjoni ta' deċiżjoni li temenda l-elementi ta' kapitolu tal-Pjan Interreg tiġi stipulata wkoll, filwaqt li tiġi żgurata l-implimentazzjoni f'waqtha tal-kapitolu tal-Pjan Interreg, filwaqt li l-Kummissjoni tkun tista' timmaniġġa l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet b'mod li jimminimizza, kemm jista' jkun, il-frekwenza tal-emendi għad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni.**

⁶ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) - PE/99/2023/REV/1 - (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

- (12a) Jenħtieġ li tiġi stabbilita katina ċara fir-rigward tar-responsabbiltà finanzjarja għall-irkupru fil-każijiet ta' irregolaritajiet minn sieħeb uniku jew sħab oħra permezz tas-sieħeb ewlieni u l-awtorità maniġerjali lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li l-obbligi ta' rkupru tas-sieħeb ewlieni jiġu ċċarati f'dan ir-rigward. Jenħtieġ li ssir dispożizzjoni għar-responsabbiltà tal-Istati Membri u tal-Istati mhux membri, fejn applikabbli, fejn l-irkupru mis-sieħeb uniku jew ewlieni ma jirnexxi, f'liema każ l-Istat Membru jew l-Istat mhux membru jirrimborża lill-awtorità maniġerjali. Jenħtieġ li jiġu ċċarati r-regoli għal każijiet fejn Stat Membru jew Stat mhux membru, fejn applikabbli ma jirrimborżax lill-awtorità maniġerjali. Jenħtieġ li dawn ir-regoli jkunu mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni li tapplika korrezzjonijiet finanzjarji f'konformità ma' [ir-Regolament dwar l-SNR].
- (13) **Jenħtieġ li l-appoġġ mill-Fond permezz tal-Pjan [...] Interreg [...] skont dan ir-Regolament jikkontribwixxi għall-oġġettivi speċifiċi [...] rilevanti stipulati fi [ir-Regolament dwar l-SNR].** Barra minn hekk, jenħtieġ li jikkontribwixxi għal oġġettivi speċifiċi addizzjonali biex jiġu indirizzati [...] "governanza tal-kooperazzjoni aħjar", "Ewropa aktar sikura u aktar sigura" u "reġjuni aktar reżiljenti li jmissu mar-Russja, il-Belarussja [...] jew l-Ukrajna". **L-oġġettiv speċifiku ta' Interreg li jappoġġa "reġjuni aktar reżiljenti li jmissu mar-Russja, il-Belarussja jew l-Ukrajna" [...] jista' jkopri wkoll attivitajiet [...] ta' kooperazzjoni mal-Moldova f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reġjuni tal-Lvant tal-UE li jmissu mar-Russja, il-Belarussja jew l-Ukrajna⁷.**

⁷ COM(2026) 82.

- (14) **Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament**, jenħtiegħ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tadotta u temenda l-listi tal-kapitoli tal-**Pjan Interreg** [...], il-lista tal-ammont globali mill-appoġġ tal-Unjoni għal kull kapitolu tal-**Pjan Interreg**, **u li tistipula arranġamenti dettaljati li jkopru modalitajiet speċifiċi ta' implimentazzjoni tal-Interreg**. Jenħtiegħ li dawn is-setgħat ta' implimentazzjoni jiġu eżerċitati f'konformità mal-**proċedura ta' eżami stipulata fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni. [...] ⁸.
- (15) Barra minn hekk, jenħtiegħ ukoll li l-Istati Membri jħejju kapitolu bl-għan li jistabbilixxu elementi essenzjali ta' programmazzjoni għall-implimentazzjoni tal-appoġġ. Jenħtiegħ li dawn il-kapitoli jkunu soġġetti għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni f'intervalli regolari.
- (16) Għall-aktar użu effiċjenti tal-appoġġ mill-FEŻR u mill-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni, jenħtiegħ li jiġi stabbilit mekkaniżmu biex jiġi organizzat ir-ritorn ta' tali appoġġ f'każijiet meta l-[...] **kapitoli** dwar il-kooperazzjoni esterna **tal-Pjan Interreg** ma jkunux jistgħu jiġu adottati jew ikollhom jitwaqqfu, inkluż ma' pajjiżi terzi li ma jirċivux appoġġ minn xi strument ta' finanzjament tal-Unjoni. Jenħtiegħ li dak il-mekkaniżmu jfittex li jikseb funzjonament ottimali tal-[...] **kapitoli tal-Pjan Interreg** u l-koordinazzjoni possibbli massima bejn dawk l-istrumenti.

⁸ [...]

- (17) Sabiex jiġu mħeġġa u tingħata spinta lill-miżuri ta' kooperazzjoni, jenħtieġ li l-attivitajiet ta' kooperazzjoni bejn is-sħab fi Stat Membru partikolari jew bejn Stati Membri differenti fir-rigward tal-appoġġ ipprovdut jibqgħu possibbli taħt l-oġettivi speċifiċi kollha. Tali kooperazzjoni msaħħa hija addizzjonali għall-kooperazzjoni taħt l-Interreg u tista' tinvolvi sħab minn kwalunkwe reġjun fl-Unjoni, iżda tista' tinkludi wkoll reġjuni transfruntieri u reġjuni li huma kollha koperti minn strateġija makroreġjonali jew tal-baċiri tal-baħar jew taħlita tat-tnejn.
- (18) Fil-kuntest taċ-ċirkostanzi uniċi u speċifiċi tal-gżira tal-Irlanda, u bl-għan li tiġi appoġġata l-kooperazzjoni bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar skont il-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira, jenħtieġ li kapitolu transfruntier ġdid [...] **"PEACEPLUS"** ikompli u li jibni fuq il-ħidma ta' programmi preċedenti bejn il-pajjiżi tal-fruntiera tal-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq. Meta titqies l-importanza Prattika tiegħu, huwa neċessarju li jiġi żgurat li, meta jappoġġa azzjonijiet għall-paċi u għar-rikonċiljazzjoni, jenħtieġ ukoll li l-FEŻR jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-istabbiltà soċjali, ekonomika u reġjonali fir-reġjuni konċernati, b'mod partikolari permezz ta' azzjonijiet li jippromwovu l-koeżjoni bejn il-komunitajiet. Minħabba l-ispeċifità ta' [...] **"PEACEPLUS"** jenħtieġ li jiġi ġestit b'mod integrat fejn il-kontribuzzjoni tar-Renju Unit f[...] **"PEACEPLUS"** tiġi integrata bħala dħul assenjat estern.
- (19) Peress li l-oġettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali billi jiġu rimedjati l-iżbilanċi reġjonali prinċipali fl-Unjoni, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, imma pjuttost jista', minħabba l-livell ta' disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp tad-diversi reġjuni u r-ritard tar-reġjuni l-inqas favoriti u l-limitazzjoni fuq ir-riżorsi finanzjarji tal-Istati Membri u r-reġjuni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 TUE. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-oġettiv,

(20) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fl-ġhoti ta' appoġġ u tkun tista' ssir implimentazzjoni koerenti u f'waqtha mill-bidu tal-qafas finanzjarju pluriennali bejn l-2028 u l-2034, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

Suġġett

[Dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni f'konformità mal-oġġettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar l-SNR], u b'mod partikolari l-punti (a) u (e) tiegħu.]

Jistabbilixxi wkoll id-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea ("Interreg") bl-għan li titrawwem il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom fl-Unjoni u bejn l-Istati Membri, ir-reġjuni tagħhom u pajjiżi terzi, pajjiżi sħab, territorji oħrajn jew pajjiżi u territorji ekstra-Ewropej (PTEE), jew organizzazzjonijiet reġjonali ta' integrazzjoni u ta' kooperazzjoni.

[Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut fil-qafas tal-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali, f'konformità mar-regoli li jirregolaw dak il-Fond u stipulati fir-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar l-SNR].]

Artikolu 2

Appoġġ mill-FEŻR u mill-Fond ta' Koeżjoni

1. Il-FEŻR [...] għandu jappoġġa, **skont il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu**, l-oġġettivi speċifiċi **rilevanti** stipulati **fl-Artikolu 3(1) u b'mod partikolari l-punti (a), (b), (c) u (e) tar-[...]** Regolament (UE) [ir-Regolament dwar l-SNR] bil-ħsieb li tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jitnaqqsu d-disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni b'kont meħud tal-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi tal-Istati Membri u r-reġjuni kkonċernati u jikkontribwixxi għall-oġġettiv ġenerali stipulat fl-Artikolu 2(1)(a) tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar l-SNR] f'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni **tiegħu** [...] stipulat fl-Artikoli **174, 176 u 177** TFUE.

2. F'konformità mal-Artikolu 22(2)(a) ta' [ir-Regolament dwar l-SNR], il-Fond ta' Koeżjoni għandu jappoġġa proġetti fl-oqsma tal-ambjent u tan-networks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

- (1) "Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (Interreg)" tfisser kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom fl-Unjoni u bejn l-Istati Membri, ir-reġjuni tagħhom u l-Istati mhux membri [...], jew l-organizzazzjonijiet reġjonali ta' integrazzjoni u ta' kooperazzjoni, **appoġġati** mill-Fond [...] u, meta jkun applikabbli, mill-Istrument Ewropa Globali.
- (2) "Stat mhux membru" tfisser [...] pajjiżi terzi jew sħab kif ukoll pajjiżi u territorji ekstra-Ewropej (PTEE) tal-Istati Membri⁹.
- (3) "Pajjiż sieħeb" tfisser Stat mhux membru li jirċievi appoġġ skont l-Istrument Ewropa Globali.
- (4) "Pajjiż terz" tfisser Stat mhux m li ma jirċevix appoġġ mill-Fond permezz tal-Pjan Interreg jew mill-Istrument Ewropa Globali; u li jikkontribwixxi għall-Pjan Interreg permezz tal-mezzi tiegħu stess jew permezz ta' dħul assenjat estern għall-baġit tal-Unjoni.

⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE tal-25 ta' Novembru 2013 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea ("Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Extra-Ewropea") (ĠU L 344, 19.12.2013, p. 1). Fit-3 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat proposta leġislattiva (COM(2025) 599 final) biex temenda d-Deċiżjoni (UE) 2021/1764. In-negozjati għadhom għaddejjin.

Għall-**finijiet** [...] ta' dan [...] **ir-Regolament**, meta d-dispożizzjonijiet fl-Artikoli [...] **58** [Responsabbiltajiet tal-Istati Membri], [...] **59** [Sottomissjoni tal-pakkett ta' assigurazzjoni annwali], [...] **63** [Ġbir u reġistrazzjoni tad-data], u [...] **65** [Sottomissjoni u l-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-pagament] tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar l-SNR] jirreferu għal "Stat Membru", dak it-terminu għandu jiġi interpretat bħala "l-Istat Membru li jospita l-awtorità maniġerjali" **u fejn jirreferu għal "Kull Stat Membru" jew "Stati Membri", dan għandu jinftehem li jfisser "l-Istati Membri u, fejn applikabbli, l-Istati mhux membri li jipparteċipaw f'kapitolu partikolari tal-Pjan Interreg".**

- (5) **"Organizzazzjoni ta' integrazzjoni u kooperazzjoni reġjonali"** tfisser, fil-kuntest tal-kooperazzjoni mar-reġjuni ultraperiferiċi, grupp ta' pajjiżi terzi jew reġjuni fl-istess żona ġeografika li għandhom l-għan li jikkooperaw mill-qrib dwar kwistjonijiet ta' interess komuni, u li jistgħu jiffurmaw parti minnha anki l-Istati Membri.
- (6) **"Awtorità Nazzjonali"** tfisser, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u fejn applikabbli, korp pubbliku fi Stat Membru jew fi Stat mhux mMembru li huwa responsabbli biex jappoġġa lill-awtorità maniġerjali fil-kompiti ta' implimentazzjoni tagħha ta' kapitolu tal-Pjan Interreg fit-territorju tagħha.
- (7) **"Kooperazzjoni fuq il-fruntieri esterni"** tfisser il-kooperazzjoni tal-Interreg u l-kapitolu korrispondenti appoġġat mill-Istrument Ewropa Globali.
- (8) **"Sieħeb ewlieni"** tfisser wieħed mis-sħab maħtura bħala tali mis-sħab kollha f'operazzjoni Interreg li tinvolvi żewġ sħab jew aktar, responsabbli biex jiżgura l-implimentazzjoni tal-operazzjoni Interreg kollha u li lilu jkun ġie pprovdut id-dokument li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.
- (9) **"Fond għal proġetti żgħar"** tfisser operazzjoni f'miżura ta' kapitolu tal-Pjan Interreg immirata lejn l-għażla u l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' volum finanzjarju limitat, fosthom azzjonijiet bejn il-persuni.

Artikolu 4

Appoġġ għal żoni żvantaġġati

1. F'konformità mal-Artikolu 174 TFUE, **fil-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom** l-Istati Membri għandhom [...] **jindirizzaw** l-isfidi ta' reġjuni u żoni żvantaġġati, b'mod partikolari **reġjuni li huma anqas favoriti**, żoni rurali, **żoni interni**, żoni affettwati minn tranżizzjoni industrijali, reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi severi u permanenti, bħar-reġjuni tat-Tramuntana mbiegħda b'densità tal-popolazzjoni baxxa ħafna u l-gżejjer, ir-reġjuni transfruntieri u dawk muntanjużi, kif ukoll iż-żoni [...] ta' tranżizzjoni ġusta, **reġjuni** li jmissu mar-Russja, il-Belarussja [...] **jew** l-Ukrajna, **u reġjuni li jinsabu fuq il-fruntieri esterni tal-Unjoni**. L-Istati Membri [...] għandhom, fejn xieraq, jistipulaw approċċ integrat biex fil-Pjanijiet ta' Sħubija nazzjonali u Reġjonali tagħhom jindirizzaw l-isfidi demografiċi jew il-ħtiġijiet speċifiċi tar-reġjuni u taż-żoni msemmija f'dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli [...] 74 sa 76 [żvilupp **territorjali u kooperazzjoni** lokali] tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar l-SNR]. Tali approċċ integrat jista' jinkludi impenn dwar finanzjament dedikat għal dak il-fini u jista' jiġi inkluż f'kapitoli dedikati tal-Pjan Nazzjonali Reġjonali u ta' Sħubija.

Artikolu 4a

Innovazzjoni u trasformazzjoni reġjonali

Fil-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jindirizzaw il-ħtieġa li jissaħħu l-kompetittività reġjonali u l-kapaċitajiet ta' innovazzjoni, bil-ħsieb li jiġu promossi t-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet reġjonali u, fejn xieraq, l-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti u l-istrateġiji ta' tranżizzjoni ġusta. Tali appoġġ jista' jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-bażi industrijali, b'attenzjoni partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), is-settur tas-servizzi, l-avvanz tat-tranżizzjoni diġitali, it-trawwim tar-riċerka u l-innovazzjoni, il-promozzjoni tad-diffużjoni tal-innovazzjoni fir-reġjuni u t-territorji kollha, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzjament u t-tisħiħ tal-attraenza tat-territorji.

Artikolu 4b

Id-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju

Sabiex jikkontribwixxi għall-oġġettiv stipulat fl-Artikolu 3(1)(a)(i) tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar l-SNR], il-FEŻR għandu jappoġġa, fejn xieraq, miżuri mmirati lejn it-trawwim tal-attraenza tat-territorji madwar l-Unjoni biex jappoġġaw id-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju, b'mod partikolari f'territorji li qed jiffaċċjaw tkabbir staġnat u li qed jonqos, sfidi għas-sigurtà u theddid ibridu, jew depopolazzjoni permezz ta' strateġiji integrati ta' żvilupp territorjali li jkopru oqsma bħall-kompetittività, id-diġitalizzazzjoni, l-aċċess għas-servizzi pubbliċi u servizzi essenzjali oħra, il-konnettività, l-infrastruttura u l-iżvilupp tal-kapital uman.

Artikolu 5

Żvilupp urban sostenibbli

Skont l-Artikolu 75 tar-Regolament (UE) [SNR], bħala parti mill-iżvilupp territorjali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jappoġġaw strateġiji integrati ta' żvilupp urban li jiffukaw fuq l-iżvilupp sostenibbli u jindirizzaw l-isfidi ambjentali, enerġetiċi u klimatiċi, b'mod partikolari t-tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija nadifa u newtrali għall-klima u reżiljenti sal-2050, [...] **billi jindirizzaw, fejn ikun rilevanti, il-mobbiltà urbana, l-akkomodazzjoni, il-faqar, ir-reżiljenza u s-sigurtà ċivili, il-komunitajiet urbani fil-bżonn, il-kura tas-saħħa u l-aċċess għas-servizzi pubbliċi, il-wirt kulturali u l-isfruttar tal-potenzjal tat-teknoloġiji diġitali għal finijiet ta' innovazzjoni u l-effiċjenza enerġetika, biex jappoġġaw l-iżvilupp funzjonali taż-żoni urbani, kif ukoll biex jappoġġaw ir-rabtiet bejn iż-żoni urbani u rurali. It-tfassil u l-implimentazzjoni ta' tali strateġiji għandhom jibqgħu flessibbli u proporzjonati, filwaqt li jitqiesu l-kapaċità amministrattiva u l-ispeċifitàjiet territorjali ta' kull Stat Membru.**

Artikolu 6

Reġjuni ultraperiferiċi

Fil-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali għandhom jiġu stabbiliti miżuri biex ikopru l-appoġġ strutturali għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u l-kostijiet operatorji jew il-kumpens [...] **tar-reġjuni ultraperiferiċi**, inkluż għall-forniment ta' servizzi taħt obbligu ta' servizz pubbliku u kuntratti f'dawk ir-reġjuni bl-għan li jikkompensaw il-kostijiet addizzjonali mġarrba fir-reġjuni ultraperiferiċi bħala riżultat ta' waħda, jew aktar, mir-restrizzjonijiet permanenti għall-iżvilupp tagħhom elenkati fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 349 TFUE.

KAPITOLU II

Pjan Interreg

Artikolu 7

Kamp ta' applikazzjoni

1. L-Interreg għandu jiffoka fuq l-appoġġ tal-linji ta' kooperazzjoni li ġejjin:
 - (a) il-kooperazzjoni bejn reġjuni kontigwi biex ikun promoss l-iżvilupp reġjonali integrat u armonjuż bejn reġjuni tal-fruntiera tal-art u dawk marittimi ġirien (kooperazzjoni transfruntiera);
 - (b) il-kooperazzjoni fuq territorji tranżnazzjonali akbar jew madwar baċiri tal-baħar, li tinvolvi sħab nazzjonali, reġjonali u lokali fl-Istati Membri u Stati mhux membri bl-għan li jinkiseb grad ogħla ta' integrazzjoni territorjali (kooperazzjoni tranżnazzjonali);

- (c) il-kooperazzjoni sabiex tissaħħaħ l-effettività tal-politika ta' koeżjoni [...] (kooperazzjoni interreġjonali), **bil-promozzjoni ta':**
- (i) **it-tisħiħ tal-kapaċitajiet permezz tal-identifikazzjoni u l-iskambju ta' prattiki tajbin u approċċi innovattivi bil-ħsieb li jiġu ttrasferiti f'politiki ta' żvilupp reġjonali u, fejn rilevanti, Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali li jappoġġaw l-oġettivi stipulati fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament PSNR u l-oġettivi speċifiċi għal Interreg imsemmija fil-paragrafu 4 ("Interreg Europe");**
 - (ii) **l-iżvilupp u d-disseminazzjoni ta' approċċi innovattivi biex tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva u istituzzjonali tal-awtoritajiet Interreg, tiġi appoġġata l-implimentazzjoni armonizzata u simplifikata tal-kapitoli tal-Pjan Interreg u tiġi promossa l-kapitalizzazzjoni tar-riżultati ta' Interreg ("INTERACT");**
 - (iii) **l-iskambju tal-esperjenza u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet dwar żvilupp urban sostenibbli u integrat innovattiv fil-livell lokali, fosthom permezz tal-involvement ta' bliet żgħar u ta' daqs medju u żoni urbani, f'koordinazzjoni u komplementarjetà mal-azzjonijiet imsemmija fir-Regolament (UE) XXX (PSNR), l-Anness XV, li jikkontribwixxi għall-pjattaforma tal-bliet tal-UE ("URBACT");**
 - (iv) **il-forniment ta' evidenza territorjali billi jiġu żviluppati analiżi, data u mapep, sabiex ir-riċerka tingħaqad ma' politiki b'appoġġ għall-oġettivi tal-koeżjoni territorjali ("ESPON");**
- (d) il-kooperazzjoni fost ir-reġjuni ultraperiferiċi u mal-Istati mhux membri ġirien tagħhom jew mal-organizzazzjonijiet ta' integrazzjoni u ta' kooperazzjoni reġjonali biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni reġjonali tagħhom u l-iżvilupp armonjuż fil-viċinat tagħhom (kooperazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi).

Sakemm dan ir-Regolament ma jistabbilix rekwiżiti speċifiċi, il-kooperazzjoni bejn żewġ sħab Ewropej jew aktar, li l-ebda wieħed minnhom ma huwa Stat Membru jew ir-regġuni tagħhom, għandha titwettaq f'konformità mar-regoli speċifiċi stipulati fir-Regolament XX [Ewropa Globali].

2. Il-kapitoli tal-Pjan Interreg li jappoġġaw il-kooperazzjoni transfruntiera, il-kooperazzjoni tranżnazzjonali u l-kooperazzjoni interreġjonali għandhom jiġu implimentati f'ġestjoni kondiviża. Il-kontribuzzjonijiet mill-Istrument Ewropa Globali inklużi fil-kapitoli li jappoġġaw il-kooperazzjoni tar-regġuni ultraperiferiċi jistgħu jiġu implimentati f'ġestjoni kondiviża jew indiretta. Il-[...] **kapitoli** ta' kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 kofinanzjati mill-Fond [...] jistgħu jirċievu kontribuzzjonijiet mill-pilastri msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (a) [...] **sa** (e), tar-Regolament XX [Strument Ewropa Globali].
3. [Ir-regoli stipulati fir-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar l-SNR] għandhom japplikaw għall-Pjan Interreg, ħlief meta jiġu stipulati regoli aktar speċifiċi f'dan ir-Regolament għall-implimentazzjoni tal-Pjan Interreg.]
4. Minbarra l-oġettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3(1), il-punti (a), **(c) u (e)** [...], tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar l-SNR], **il-Pjan Interreg kollu kemm hu** għandu jappoġġa **l-oġettivi speċifiċi tal-Interreg** "governanza tal-kooperazzjoni aħjar", "Ewropa aktar sikura u aktar sigura" u "reġjuni aktar reżiljenti madwar ir-Russja, il-Belarużja [...] **jew** l-Ukrajna" **f'konformità mal-Artikolu 8(3)(b)**.
5. Fil-każ ta' [...] **PEACEPLUS**, li qed jaġixxi b'appoġġ għall-paċi u għar-rikonċiljazzjoni, il-FEŻR, bħala oġettiv speċifiku taħt l-Artikolu 2, l-oġettiv ġenerali (a), tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar l-SNR], għandu jikkontribwixxi wkoll għall-promozzjoni tal-istabbiltà soċjali, ekonomika u reġjonali fir-regġuni konċernati, b'mod partikolari permezz ta' azzjonijiet li jippromwovu l-koeżjoni bejn il-komunitajiet.
6. [...]

Artikolu 7a

Kopertura ġeografika għall-kooperazzjoni transfruntiera

- 1. Għall-kooperazzjoni transfruntiera, ir-reġjuni li għandhom jiġu appoġġati mill-Fond skont il-Pjan Interreg għandhom ikunu r-reġjuni tal-Unjoni tal-livell NUTS 3 tul il-fruntieri tal-art interni u esterni kollha ma' pajjiżi terzi jew ma' pajjiżi sħab u r-reġjuni kollha tal-Unjoni tal-livell NUTS 3 tul il-fruntieri marittimi separati b'massimu ta' 150 kilometru baħar, mingħajr preġudizzju għall-aġġustamenti potenzjali meħtieġa biex jiġu żgurati l-koerenza u l-kontinwità taż-żoni tal-kapitolu tal-Pjan Interreg u fejn effettivament tista' sseħħ l-interazzjoni transfruntiera.**
- 2. Il-kapitoli tal-Pjan Interreg dwar il-kooperazzjoni transfruntiera interna jistgħu jkopru reġjuni fin-Norveġja, l-Iżvizzera u r-Renju Unit li huma ekwivalenti għal reġjuni tal-livell NUTS 3 kif ukoll Andorra, il-Liechtenstein, Monaco u San Marino.**
- 3. Għall-kooperazzjoni transfruntiera esterna, ir-reġjuni li għandhom jiġu appoġġati mill-Istrument Ewropa Globali għandhom ikunu reġjuni tal-livell NUTS 3 tal-pajjiż sieħeb rispettiv jew, fin-nuqqas ta' klassifikazzjoni NUTS, żoni ekwivalenti tul il-fruntieri fuq l-art u marittimi kollha bejn l-Istati Membri u pajjiżi sħab eliġibbli skont l-istrument Ewropa Globali, mingħajr preġudizzju għall-aġġustamenti potenzjali meħtieġa biex jiġu żgurati l-koerenza u l-kontinwità ta' żoni tal-kapitolu tal-Pjan Interreg.**

Artikolu 7b

Kopertura ġeografika għall-kooperazzjoni tranżnazzjonali

- 1. Għall-kooperazzjoni tranżnazzjonali, ir-reġjuni li għandhom jiġu appoġġati mill-Fond skont il-Pjan Interreg għandhom ikunu r-reġjuni tal-livell NUTS 2 tal-Unjoni, inkluż ir-reġjuni ultraperiferiċi li jkopru territorji tranżnazzjonali ikbar u b'kont meħud, fejn applikabbli, tal-istrateġiji makroreġjonali jew l-istrateġiji tal-baċiri tal-baħar.**
- 2. Fuq it-talba tal-Istat Membru kkonċernat jew tal-Istati Membri kkonċernati mal-preżentazzjoni ta' kapitolu ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali, dak il-kapitolu jista' jinkludi wkoll reġjun ultraperiferiku wieħed jew aktar mill-Istat Membru kkonċernat jew mill-Istati Membri kkonċernati.**

3. Il-kapitoli dwar il-kooperazzjoni tranżnazzjonali jistgħu jkoprut-territorji li ġejjin, irrispettivament minn jekk humiex appoġġati jew le mill-baġit tal-Unjoni:
 - (a) reġjuni fl-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera u r-Renju Unit kif ukoll Andorra, il-Liechtenstein, Monaco u San Marino;
 - (b) PTEE;
 - (c) il-Gżejjer Faeroe;
 - (d) reġjuni ta' pajjiżi sħab taħt l-Istrument Ewropa Globali.
4. L-Istati mhux membri u r-reġjuni msemija fil-paragrafu 3 għandhom ikunu reġjuni tal-livell NUTS 2 jew, fin-nuqqas ta' klassifikazzjoni NUTS, żoni ekwivalenti.

Artikolu 7c

Kopertura ġeografika għall-kooperazzjoni interreġjonali

1. Fir-rigward tal-kooperazzjoni interreġjonali, it-territorju kollu tal-Unjoni, inkluż ir-reġjuni ultraperiferiċi, għandu jkun appoġġat mill-Fond permezz tal-Pjan Interreg.
2. Il-kapitoli dwar il-kooperazzjoni interreġjonali jistgħu jkopru t-territorju kollu ta' Stati mhux membri jew parti minnu.

Artikolu 7d

Kopertura ġeografika għall-kooperazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi

1. Għall-kooperazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi, ir-reġjuni kollha elenkati fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 349 TFUE għandhom jiġu appoġġati mill-Fond permezz tal-Pjan Interreg.
2. Il-kapitoli tal-Pjan Interreg li jinvolvu r-reġjuni ultraperiferiċi jistgħu jkopru Stati mhux membri jew partijiet minnhom.

[Artikolu 7e

Riżorsi allokatati għall-Pjan Interreg għal kull fergħa]

Artikolu 8

Rekwiżiti għall-kapitoli tal-Pjan Interreg

1. Il-Pjan Interreg għandu jinkludi l-kapitoli tal-Pjan Interreg. Kull kapitolu għandu jikkorrispondi għall-kooperazzjoni f'żona ġeografika partikolari.
 - 1a. **L-Istati Membri parteċipanti u, fejn applikabbli, l-Istati mhux membri għandhom iħejju kapitolu tal-Pjan Interreg f'konformità mal-mudell stipulat fl-Anness.**
 - 1b. **L-Istati Membri parteċipanti u, fejn applikabbli, l-Istati mhux membri għandhom iħejju kapitolu tal-Pjan Interreg f'kooperazzjoni mas-sħab rilevanti msemmija fl-Artikolu 6 ta' [ir-Regolament dwar l-SNR]. Fit-tħejjija ta' kapitoli taħt il-fergħa tal-kooperazzjoni tranżnazzjonali li jkopru l-istrateġiji makroreġjonali jew tal-baċiri tal-baħar, l-Istati Membri parteċipanti u l-Istati mhux membri u r-reġjuni tagħhom għandhom iqisu l-prijoritajiet tematiċi tal-istrateġiji makroreġjonali u tal-baċiri tal-baħar rilevanti u jikkonsultaw lill-atturi rilevanti, kif ukoll jiżguraw li dawn l-atturi fil-livell makroreġjonali u tal-baċiri tal-baħar jiġu inklużi fis-sħubija f'konformità mal-Artikolu 6 ta' [ir-Regolament dwar l-SNR] mill-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni.**
2. L-Istat Membru li jospita l-awtorità maniġerjali prospettiva għandu jissottometti kapitolu tal-Pjan Interreg lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn [...] **disa'** xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament f'isem l-Istati Membri u l-Istati mhux membri parteċipanti [...], **ladarba jkunu kkonfermaw bil-miktub il-qbil tagħhom dwar il-kontenut u r-riżorsi finanzjarji. Tali konferma tista' tieħu l-forma ta' ittra, minuti approvati formalment ta' laqgħa ta' konsultazzjoni, jew kwalunkwe format ieħor bil-miktub.**

3. Kull kapitolu dwar il-Pjan Interreg għandu jistipula l-elementi li ġejjin f'konformità mal-mudell stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament. Il-kapitolu tal-Pjan Interreg għandu:
- (a) jindika l-fergħa ta' kooperazzjoni tal-Interreg ikkonċernata u l-kopertura ġeografika;
 - (b) jiddeskrivi l-istrategġija ta' intervent tal-kapitolu tal-Pjan Interreg ibbażat fuq analiżi ċara tal-ħtiġijiet territorjali u tal-lakuni fiż-żona koperta, li tidentifika l-miżuri għall-kooperazzjoni, inkluż kwalunkwe miżura għall-iżvilupp territorjali jew lokali u l-ispegazzjoni ta' kif dawn il-miżuri huma mistennija jikkontribwixxu għall-oġettiv [...] **speċifiku rilevanti wieħed jew aktar** imsemmi fl-Artikolu 7, il-paragrafu 4, ta' dan ir-Regolament [...];
 - (c) jipprovdi lista u deskrizzjoni tal-miżuri, inkluż l-oġettivi ġenerali u speċifiċi li kull miżura ssegwi primarjament u l-lista tal-oġettivi intermedji u l-miri previsti, bid-data indikattiva tat-tlestija tagħhom matul il-perjodu ta' programmazzjoni. L-indikaturi proposti għall-miri għandhom ikunu bbażati fuq l-indikaturi tal-output elenkati fl-Anness I tar-Regolament XX [Prestazzjoni] [...], **ħlief jekk l-ebda wieħed minn daww l-indikaturi ma jkun adegwat, f'konformità mal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni]**;
 - (d) jistipula l-kostijiet stmati totali tal-miżuri, **għal ammont totali mill-inqas ekwivalenti għas-somma tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni, bl-esklużjoni tal-assistenza teknika, u l-kontribuzzjoni nazzjonali flimkien** ma' informazzjoni dwar il-finanzjament eżistenti jew ippjanat tal-Unjoni meta rilevanti, appoġġata minn ġustifikazzjoni xierqa u bi spjegazzjonijiet dwar kif dan huwa f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza, il-ġestjoni finanzjarja tajba u proporzjonat għall-impatt ekonomiku u soċjali mistenni;

- (e) [...] **jiddeskrivi** arranġamenti għall-monitoraġġ u għall-implimentazzjoni effettivi tal-kapitolu tal-Pjan Interreg [...], inkluż l-awtoritajiet responsabbli u l-[...] **kumitat** ta' monitoraġġ [...] li jirrifletti l-oġġettiv li tiġi stabbilita sistema robusta ta' governanza f'diversi livelli bbażata fuq il-prinċipju tas-sħubija, kif ukoll l-approċċ previst għall-informazzjoni, għall-komunikazzjoni u għall-viżibbiltà f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolament XX [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni];
- (f) jippromwovi s-sħubija u l-iskambju tal-għarfien billi jistabilixxu liema partijiet ikkonċernati ġew ikkonsultati, kif intgħażlu, kif ġiet żgurata r-rappreżentattività tagħhom u kif il-kontribut tagħhom huwa rifless fil-kapitolu tal-Pjan Interreg f'konformità mal-kodiċi ta' kondotta dwar is-sħubija, u billi jinkludu sommarju tal-proċess ta' konsultazzjoni mwettaq għat-tħejjija tal-kapitolu tal-Pjan Interreg;
- (g) jistipula t-tqassim tal-obbligazzjonijiet fost l-Istati Membri parteċipanti u, meta applikabbli, l-Istati mhux membri, fil-każ ta' korrezzjonijiet finanzjarji imposti mill-awtorità maniġerjali jew mill-Kummissjoni f'konformità mar-regoli li jirregolaw il-Fond [...] u stipulati fl-**Artikolu 68** tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar l-SNR];
- (h) jispjega l-arranġamenti u s-sistemi biex jiġi żgurat użu regolari, effettiv u effiċjenti tar-riżorsi tal-Unjoni, f'konformità mal-ġestjoni finanzjarja tajba u mal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

3a. Huma biss il-miżuri li l-implimentazzjoni tagħhom bdiet mill-1 ta' Jannar 2028, jew it-tieni fażi tal-miżuri kif imsemmi fl-Artikolu 79 ta' [ir-Regolament dwar l-SNR], li għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament dment li jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament u fir-Regolament [PSNR].

Approvazzjoni u emenda tal-Pjan Interreg

1. Il-Kummissjoni għandha **tingħata s-setgħa li** tadotta att ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-proċedura **ta' eżami** msemmija fl-Artikolu [...] **14(2)** [Proċedura ta' Kumitat], li jistipula:
 - (a) il-lista tal-kapitoli tal-Pjan Interreg, id-deżinjazzjoni taż-żoni **ġeografiċi** tal-kapitolu rispettivi u l-allokazzjoni [...] mill-Fond **għal kull kapitolu** u, meta applikabbli, mill-Istrument Ewropa Globali **u regoli speċifiċi għall-prefinanzjament għall-kapitoli tal-Pjan Interreg li jappoġġaw il-kooperazzjoni fil-fruntieri esterni;**
 - (b) meta jkun xieraq, **jiżgura approċċ konsistenti**, arranġamenti dettaljati li jkopru [...] modalitajiet speċifiċi ta' implimentazzjoni tal-Interreg [...] **fir-rigward ta': ir-rwol u l-kompiti tas-sieħeb ewlieni; fondi għal proġetti żgħar, sħubija fi ħdan l-operazzjonijiet Interreg, verifiki ta' ġestjoni u awditi; ir-rekwiżiti għal grupp ta' awdituri u kontrolluri; il-modalitajiet għall-kostijiet inkluż l-użu ta' għażliet ta' kostijiet issimplifikati u l-implimentazzjoni ta' żvilupp territorjali integrat inkluż strateġiji ta' Żvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità.**

L-elementi ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkostitwixxu l-parti ġenerali tal-Pjan Interreg.

- 1a. L-elementi msemmija [...] fil-paragrafu 1, il-punt (a) għandhom jiġu stabbiliti abbażi tal-informazzjoni pprovduta minn kull Stat Membru dwar id-distribuzzjoni ppjanata **skont il-kapitolu** tas-sehem tiegħu fl-allokazzjoni tal-Pjan Interreg skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness [...] **III** [Metodoloġija għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja **tal-Unjoni** għal kull Stat Membru skont il-[...] **Pjan Interreg**] tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar l-SNR].

[...]

- 1b. **Kull Stat Membru jista' jittrasferixxi sa 20 % tal-allokazzzjoni tiegħu għal kull waħda mill-fergħat imsemmija fl-Artikolu 7 (1), il-punti (a) u (b), lil fergħa waħda jew aktar imsemmija fl-Artikolu 7 (1), il-punti (a), (b) u (d).**
2. **Wara l-preżentazzjoni ta' kapitolu tal-Pjan Interreg mill-Istat Membru li jospita l-awtorità maniġerjali, f'konformità mal-paragrafu 2 tal-Artikolu 8, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-kapitoli tal-Pjan Interreg jew il-[...]kapitolu emendat tal-Pjan Interreg. Meta twettaq il-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tivverifika li l-kapitolu tal-Pjan Interreg jikkonforma mar-rekwiżiti kollha fl-Artikolu [...] 8 u jsegwi l-mudell stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament [mudell tal-kapitolu dwar l-Interreg]. Il-Kummissjoni tista' tagħmel osservazzjonijiet u titlob informazzjoni addizzjonali. L-iskadenza għall-approvazzjoni għandha tiġi [...] sospiża mill-għada tad-data li fiha l-Kummissjoni tibgħat l-osservazzjonijiet tagħha jew tagħmel talba lill-Istat Membru għal dokumenti riveduti u sakemm l-Istat Membru jwieġeb lill-Kummissjoni.**
3. **Meta l-[...]kapitolu jikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 8 [...], il-Kummissjoni għandha [...] tadotta deċiżjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni [...] li tapprova il-kapitolu tal-Pjan Interreg [...] mhux aktar tard minn erba' xhur wara d-data tal-preżentazzjoni tagħha.**

4. [...] L-Istat Membru li jospita l-awtorità maniġerjali ta' kapitolu jista' jippreżenta talba motivata għall-emendar tal-kapitolu tal-pjan Interreg tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-konformità tal-emenda mitluba mal-Artikolu 8 tista' tagħmel osservazzjonijiet u titlob informazzjoni addizzjonali. L-iskadenza għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni għandha tiġi sospiża mill-għada tad-data li fiha l-Kummissjoni tibgħat l-osservazzjonijiet tagħha jew tagħmel talba lill-Istat Membru għal dokumenti riveduti u sakemm l-Istat Membru jwieġeb lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni li japprova l-emendi għall-kapitolu tal-Pjan Interreg u li jemenda d-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 3 mhux aktar tard minn erba' xhur wara d-data tal-preżentazzjoni tat-talba għal emenda.
- 4a. L-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-kapitolu tal-Pjan Interreg ma għandhiex tkun meħtieġa għal korrezzjonijiet ta' natura purament klerikali jew editorjali jew fil-każ ta' aġġustamenti żgħar fil-kapitolu tal-Pjan Interreg, li jirrappreżentaw żieda jew tnaqqis ta' inqas minn 15 % ta' mira stipulata fil-kapitolu tal-Pjan Interreg. L-awtorità maniġerjali għandha tapplika dawk ir-regoli darba biss għal kull mira sad-deċiżjoni li jmiss dwar l-emenda tal-kapitolu tal-Pjan SNR u għandha tinnotifika lill-Kummissjoni b'tali aġġustamenti.

5. [...] **Id-deċiżjoni ta-Kummissjoni** prevista fil-paragrafi 3 u 4 għandhom jistipulaw għal kull kapitolu tal-Pjan Interreg:

- (a) il-kostijiet stmati totali tal-kapitolu **tal-Pjan** Interreg [...];
- (b) l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja mir-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar l-SNR] u, meta applikabbli, l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Istrument Ewropa Globali u l-ammont ta' kontribuzzjoni nazzjonali [...] **minn Stati mhux membri**;
- (c) l-ammont tal-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni kull sena, kif imsemmi fl-Artikolu 14 [impenn] tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar l-SNR];
- (d) l-ammont ta' prefinanzjament li għandu jitħallas u jekk il-prefinanzjament għandux jitħallas kollu fis-sena tal-approvazzjoni tal-kapitolu jew f' segmenti f'konformità mal-Artikolu 17, il-paragrafu 2, tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar l-SNR].

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-kapitoli tal-Pjan Interreg tagħhom jibqa' raġonevoli u plawżibbli matul l-implimentazzjoni kollha, f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

L-Istat Membru u, fejn applikabbli, l-Istat mhux membru parteċipanti fil-kapitolu tal-Pjan Interreg, jista' jiddeċiedi li jwarrab il-valuri tal-iżborż għar-riformi mill-investimenti.

6. Id-deċiżjoni **msemmija fil-paragrafi 3 u 4** li tapprova l-kapitolu rilevanti tal-Pjan Interreg **jew l-emenda tiegħu** għandha tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 110(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u n-notifika tiegħu lill-Istat Membru li jospita lill-awtorità maniġerjali għandha tikkostitwixxi impenn legali.

7. L-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni, il-kontribuzzjoni nazzjonali minn **Stati Membri u** Stati mhux membri [...] previst skont il-kapitolu tal-Pjan Interreg, meħuda fit-total tagħhom, ma għandhomx jaqbu l-kostijiet totali stmati tal-kapitolu.

Artikolu 10

Funzjonijiet tal-awtoritajiet reponsabbli għall-kapitolu tal-Pjan Interreg [...]

1. L-Istati Membri u, meta applikabbli, l-Istati mhux membri li jipparteċipaw f'kapitolu tal-Pjan Interreg għandhom jidentifikaw awtorità maniġerjali unika u awtorità tal-awditjar unika **għal dak il-kapitolu tal-Pjan Interreg** li għandhom ikunu jinsabu fl-istess Stat Membru. [...]

Sabiex jiġu żgurati l-kontinwità u l-kosteffettività, l-Istati Membri jistgħu jibnu fuq l-istrutturi u l-istituzzjonijiet ta' governanza eżistenti.

2. Minbarra l-Artikolu [...] **51** tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar l-SNR], [...] l-awtorità maniġerjali ta' **kull** kapitolu tal-Pjan Interreg għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni tal-kapitolu bl-għan li jintlaħqu l-oġġettivi tiegħu u għandha tkun responsabbli għal:
- (a) it-tfassil u l-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-pagament għall-kapitolu dwar il-Pjan Interreg lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu [...] **65 [Sottomissjoni u valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-pagament] u l-mudell stipulat fl-Anness XI** tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar l-SNR];
 - (b) l-għoti ta' previżjonijiet tal-ammont għall-applikazzjonijiet għall-pagament li għandhom jiġu ppreżentati għas-sena kalendarja kurrenti u sussegwenti sal-[...] **31 ta' Jannar** u l-31 ta' Lulju f'konformità mal-mudell fl-Anness X [tbassir tal-pagament] tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar l-SNR];

- (c) l-iffirmar u l-ġhoti tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu [...] **59(1)** il-punt [...] **(c)** [il-pakkett ta' assigurazzjoni annwali] tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar l-SNR] f'konformità mal-mudell stipulat fl-Anness XII ta' dak ir-Regolament;
- (d) il-koordinazzjoni u s-sottomissjoni lill-Kummissjoni tad-dokumenti kollha mitluba bħala parti mill-pakkett ta' assigurazzjoni annwali msemmi fl-Artikolu [...] **59** [sottomissjoni tal-pakkett ta' assigurazzjoni annwali] tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar l-SNR].
- (e) l-iżgurar li d-dokument ipprovdut lis-sieħeb ewlieni jew uniku msemmi fl-Artikolu **51(1)(i)** tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar l-SNR] jistipula wkoll obbligi fir-rigward tal-irkupri.

L-Istat Membru li jospita l-awtorità maniġerjali jista' jafda l-kompitu msemmi fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 lil korp ieħor taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità maniġerjali. L-awtorità tal-awditjar għandha tfassal u tipprovdli lill-awtorità maniġerjali d-dokumenti stipulati fil-punt (d) tal-paragrafu 1.

3. L-Istat Membru u, meta applikabbli, l-Istat mhux membru li jipparteċipa fil-kapitolu tal-Pjan Interreg, jistgħu jiddeċiedu li l-verifiki tal-ġestjoni msemmija fl-Artikolu **51** [il-funzjoni tal-awtorità maniġerjali] tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar l-SNR] għandhom isiru permezz tal-identifikazzjoni minn kull Stat Membru **u Stat mhux membru** ta' korp [...] responsabbli għal tali verifika **fit**-territorju tiegħu [...] **(il-"kontrollur")**. **Kwalunkwe kontrollur għandu jkun funzjonalment indipendenti mill-awtorità tal-awditjar jew minn kwalunkwe membru tal-[...]grupp ta' awdituri. Fejn ikun ġie deċiż li l-verifiki ta' ġestjoni jitwettqu minn kontrolluri identifikati skont l-ewwel subparagrafu, l-awtorità maniġerjali għandha tissodisfa ruħha li l-verifiki ta' ġestjoni jkunu twettqu minn kontrollur identifikat.**

Kull Stat Membru u Stat mhux membru għandu jkun responsabbli għall-verifiki mwettqa fit-territorju tiegħu.

4. [...] L-awtorità maniġerjali u l-kumitat ta' monitoraġġ **għandhom ikunu assistiti minn segretarjat konġunt** fit-twettiq tal-funzjonijiet rispettivi tagħhom. Is-segretarjat konġunt għandu jipprovdi wkoll informazzjoni lill-benefiċjarji potenzjali dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament skont il-[...] **kapitoli tal-Interreg** u għandu jassisti lill-benefiċċjarji u lis-sħab fl-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet.
5. Minbarra r-regoli stabbiliti fl-Artikolu [...] **53** [funzjonijiet tal-awtorità tal-awditjar] tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar l-SNR], għall-finijiet tal-kapitoli tal-Pjan Interreg, meta l-awtorità tal-awditjar ma jkollhiex l-awtorizzazzjoni li twettaq il-kompiti tagħha fit-territorju kollu kopert [...] **mill-kapitolu**, din għandha tkun assistita minn grupp ta' awdituri magħmul minn rappreżentant minn kull Stat Membru u, meta applikabbli, Stati mhux membri parteċipanti fil-[...] **kapitolu tal-Pjan Interreg. F'każijiet tali**, kull Stat Membru u, meta applikabbli, Stat mhux membru, għandu jkun responsabbli għall-awditi mwettqa fit-territorju tiegħu.
6. [...]

Artikolu 10a

Kumitat ta' monitoraġġ u kumitat ta' tmexxija

- 1. L-Istati Membri u, fejn applikabbli, l-Istati mhux membri parteċipanti f'kapitolu tal-Pjan Interreg għandhom jistabbilixxu, bi qbil mal-awtorità maniġerjali għal dak il-kapitolu, kumitat biex jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-kapitolu tal-Pjan Interreg rispettiv ("kumitat ta' monitoraġġ") fi żmien tliet xhur mid-data tan-notifika lill-Istati Membri tad-deċizzjoni tal-Kummissjoni li tapprova kapitolu tal-Pjan Interreg skont l-Artikolu 9. Dak il-kumitat ta' monitoraġġ jista' jistabbilixxi kumitat ta' tmexxija wieħed jew aktar li jaġixxu taħt ir-responsabbiltà tiegħu għall-għażla tal-operazzjonijiet. Il-kumitati ta' tmexxija għandhom japplikaw il-prinċipju ta' sħubija kif stipulat fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar l-SNR].**
- 2. Kull kumitat ta' monitoraġġ għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu. Ir-regoli ta' proċedura tal-kumitat ta' monitoraġġ u, fejn applikabbli, tal-kumitat ta' tmexxija għandhom jipprevjenu kwalunkwe sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess fl-għażla tal-operazzjonijiet Interreg u għandhom jinkludu dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet tal-vot u regoli għall-attendenza fil-laqgħat.**
- 3. Il-kumitat ta' monitoraġġ għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena u għandu jirrieżamina l-kwistjonijiet kollha li jaffettwaw il-progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri inklużi fil-kapitolu tal-Pjan Interreg.**
- 4. L-awtorità maniġerjali għandha tippubblika r-regoli ta' proċedura tal-kumitat ta' monitoraġġ sommarju kemm tad-data kif ukoll tal-informazzjoni, inkluż deċizzjonijiet, approvati mill-kumitat ta' monitoraġġ fuq is-sit web imsemmi fl-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar l-SNR].**

Artikolu 10b

Kompożizzjoni tal-kumitat ta' monitoraġġ

1. Il-kompożizzjoni tal-kumitat ta' monitoraġġ ta' kull kapitolu tal-Pjan Interreg għandha tiġi miftiehma mill-Istati Membri u, fejn applikabbli, minn Stati mhux membri parteċipanti f'dak il-kapitolu tal-Pjan Interreg, u għandha tiżgura rappreżentanza bbilanċjata ta':

- (a) l-awtoritajiet rilevanti;**
- (b) korpi stabbiliti b'mod konġunt fil-qasam kollu tal-kapitolu tal-Pjan Interreg jew f'parti minnu, inkluż, fejn xieraq, raggruppamenti Ewropej ta' kooperazzjoni territorjali (REKT) stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰; u**
- (c) rappreżentanti tas-sħab imsemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar l-SNR] mill-Istati Membri u minn Stati mhux membri.**

Il-kompożizzjoni tal-kumitat ta' monitoraġġ għandha tqis l-għadd ta' Stati Membri u Stati mhux membri li jipparteċipaw fil-kapitolu tal-Pjan Interreg ikkonċernat.

- 2. L-awtorità maniġerjali għandha tippubblika lista tal-membri tal-kumitat ta' monitoraġġ fis-sit web imsemmi fl-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar l-SNR].**
- 3. Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni għandhom jipparteċipaw fil-ħidma tal-kumitat ta' monitoraġġ f'kapaċità konsultattiva.**

¹⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar raggruppament Ewropew ta' kooperazzjoni territorjali (REKT) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 19-24).

Artikolu 10c

Funzjonijiet tal-kumitat ta' monitoraġġ

1. Il-kumitat ta' monitoraġġ għandu jeżamina:

- (a) il-progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri inklużi fil-kapitolu tal-Pjan Interreg u fil-kisba tal-oġġettivi intermedji u l-miri ta' dawk il-miżuri;**
- (b) kwalunkwe kwistjoni li taffettwa l-prestazzjoni tal-kapitolu tal-Pjan Interreg u l-miżuri meħuda biex jiġu indirizzati dawk il-kwistjonijiet;**
- (c) il-progress li sar fit-tweġġ tal-evalwazzjonijiet, is-sinteżi tal-evalwazzjonijiet u kwalunkwe segwitu mogħti għas-sejbiet;**
- (d) l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' informazzjoni, komunikazzjoni u viżibilità;**
- (e) il-progress fil-bini ta' kapaċità amministrattiva għall-istituzzjonijiet pubbliċi u għall-benefiċjarji, fejn rilevanti; u**
- (f) il-funzjonament effettiv tas-sħubija fir-rigward tal-kapitolu tal-Pjan Interreg.**

2. Il-kumitat ta' monitoraġġ għandu japprova għall-kapitolu tal-Pjan Interreg taħt ir-responsabbiltà tiegħu:

- (a) kwalunkwe proposta għall-emenda tal-kapitolu tal-Pjan Interreg;**
- (b) il-metodoloġija u l-kriterji għall-għażla tal-operazzjonijiet, inkluż kwalunkwe bidla fihom. Il-kriterji applikati u l-proċeduri li jintużaw għandhom ikunu nondiskriminatorji, inklużivi u trasparenti, jiżguraw l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità, jiżguraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u jqisu l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.**

Il-kriterji u l-proċeduri [għall-għażla tal-operazzjonijiet] għandhom jiżguraw li l-operazzjonijiet magħżula ma jkunux f'kunflitt mal-istrategġiji makroreġjonali jew l-istrategġiji speċifiċi għall-baċir tal-baħar eżistenti tal-UE, l-istrategġiji territorjali stabbiliti fil-qafas tal-Pjanijiet SNR, jew l-istrategġiji stabbiliti fil-qafas tal-Istrument Ewropa Globali li jkopru l-istess qasam ta' kooperazzjoni u li jggarantixxu l-prijoritizzazzjoni tal-operazzjonijiet li għandhom jintgħażlu bil-ħsieb li tiġi massimizzata l-kontribuzzjoni tal-finanzjament tal-Unjoni għall-kisba tal-oġġettivi tal-kapitolu tal-Pjan Interreg u tal-miżuri tiegħu u tiġi implimentata d-dimensjoni tal-kooperazzjoni tal-operazzjonijiet;

(c) il-pjan direzzjonali tal-evalwazzjoni u kwalunkwe emenda tiegħu.

3. Il-kumitat ta' monitoraġġ għandu jkun responsabbli għall-għażla tal-operazzjonijiet ta' Interreg, f'konformità mal-istrategġija u mal-oġġettivi tal-kapitolu tal-Pjan Interreg.

Artikolu 10d

Għażla tal-operazzjonijiet

1. Meta operazzjoni sħiħa jew parti minnha tkun implimentata barra miż-żona tal-kapitolu tal-Pjan Interreg ġewwa jew barra l-Unjoni, l-għażla ta' dik l-operazzjoni għandha teħtieġ l-approvazzjoni espliċita mill-awtorità maniġerjali fil-kumitat ta' monitoraġġ jew, fejn applikabbli, il-kumitat ta' tmexxija.
2. Meta l-operazzjoni tkun tinvolvi sieħeb wieħed jew aktar li jkunu jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru jew Stat mhux membru li ma jkunx rappreżentat fil-kumitat ta' monitoraġġ, l-awtorità maniġerjali għandha tikkundizzjona l-approvazzjoni espliċita tagħha għall-preżentazzjoni ta' aċċettazzjoni bil-miktub mill-Istat Membru, Stat mhux membru biex jirrimborża kwalunkwe ammont imħallas indebitament lil dawn is-sħab. Barra minn hekk, tali aċċettazzjoni tista' sussegwentement tingħata minn kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri jew Stati mhux membri rrappreżentati fil-kumitat ta' monitoraġġ.

3. Meta dik l-aċċettazzjoni bil-miktub ma tkunx tista' tinkiseb, il-korp li jimplimenta operazzjoni sħiħa jew parti minnha barra miż-żona tal-kapitolu tal-Pjan Interreg għandu jikseb garanzija minn bank jew minn istituzzjoni finanzjarja oħra jew minn entità pubblika oħra approvata mill-awtorità maniġerjali għall-ammont korrispondenti tal-fondi Interreg mogħtija. Tali garanzija għandha tiġi inkluża fid-dokument ipprovdut lis-sieħeb ewlieni jew uniku li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-appoġġ tal-operazzjoni Interreg.
4. Fl-għażla tal-operazzjonijiet, il-kumitat ta' monitoraġġ jew, fejn applikabbli, il-kumitat ta' tmexxija għandu jivverifika li l-benefiċjarju jkollu r-riżorsi finanzjarji u l-mekkaniżmi meħtieġa biex ikopri l-kostijiet operattivi u ta' manutenzjoni f'konformità mal-Artikolu 69(1) tar-[Regolament PSNR] għal operazzjonijiet li jinkludu investiment fl-infrastruttura jew investiment produttiv, sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà finanzjarja tagħhom.

Artikolu 10e

Fondi għal Proġetti Żgħar

1. Il-kontribuzzjoni totali mill-FEŻR jew, fejn applikabbli, mill-Istrument Ewropa Globali, għal fondi għal proġetti żgħar fi ħdan kapitolu tal-Pjan Interreg ma għandhiex taqbeż 20 % tal-allokkazzjoni totali tal-kapitolu tal-Pjan Interreg.

Ir-riċevituri fi ħdan fond għal proġetti żgħar għandhom jirċievu appoġġ mill-FEŻR jew, fejn applikabbli, mill-Istrument Ewropa Globali permezz tal-benefiċjarju u jimplimentaw il-proġetti żgħar fi ħdan dak il-fond għal proġetti żgħar ("proġetti żgħar").

2. Il-fond għal proġetti żgħar jikkostitwixxi operazzjoni, li għandha tiġi ġestita minn benefiċjarju, b'kunsiderazzjoni tal-kompiti u r-remunerazzjoni tiegħu.

Il-benefiċjarju għandu jkun entità legali transfruntiera jew REKT jew korp li jkollu personalità ġuridika.

Il-benefiċjarju għandu jagħżel il-proġetti żgħar li jiġu implimentati mir-riċevituri skont it-tifsira tal-Artikolu 4, il-paragrafu 5 tar-[Regolament dwar l-SNR]. Meta l-benefiċjarju ma jkunx entità legali transfruntiera jew REKT, korp li jinvolvi rappreżentanti minn tal-anqas żewġ pajjiżi parteċipanti, li tal-anqas wieħed minnhom ikun Stat Membru, għandu jagħżel il-proġetti żgħar konġunti.

3. Id-dokument li jstipula l-kundizzjonijiet għall-appoġġ għal fond għal proġetti żgħar għandu, minbarra l-elementi stabbiliti fl-Artikolu 10d ta' dan ir-Regolament, jstipula l-elementi meħtieġa biex jiġi żgurat li l-benefiċjarju:

- (a) jistabbilixxi proċedura tal-għażla mhux diskriminatorja u trasparenti;**
- (b) japplika kriterji oġġettivi għall-għażla ta' proġetti żgħar, li jevitaw kunflitti ta' interess;**
- (c) jivvaluta l-applikazzjonijiet għal appoġġ;**
- (d) jagħżel il-proġetti u jiffissa l-ammont ta' appoġġ għal kull proġett żgħir;**
- (e) ikun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-operazzjoni u jżomm fil-livell tiegħu d-dokumenti ta' sostenn kollha meħtieġa għar-rekord tal-awditjar; u**
- (f) jagħmel disponibbli għall-pubbliku l-lista tar-riċevituri li jibbenefikaw mill-operazzjoni.**

Il-benefiċjarju għandu jiżgura li r-riċevituri jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' komunikazzjoni stipulati fl-Artikolu 18 tar-[Regolament dwar il-Prestazzjoni].

4. L-għażla tal-proġetti żgħar ma għandhiex tikkostitwixxi delega ta' kompiti mill-awtorità maniġerjali lil korp intermedju kif imsemmi fl-Artikolu 4, il-paragrafu 4a tar-[Regolament dwar l-SNR].

Dispożizzjonijiet għal Stati mhux membri

1. Il-kontribuzzjoni mir-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar l-SNR] għall-kapitoli tal-Pjan Interreg li għandhom jiġu appoġġati wkoll mill-Istrument Ewropa Globali, inkluż għar-reġjuni ultraperiferiċi, għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri konċernati. Il-kontribuzzjoni stabbilita għal kull Stat Membru ma għandhiex tiġi riallokata sussegwentement bejn l-Istati Membri kkonċernati. Il-kontribuzzjonijiet rispettivi mill-Istrument Ewropa Globali għall-kapitoli tal-Pjan Interreg għandhom iqisu l-involviment tal-Istati Membri u l-benefiċjarji tal-Istrument Ewropa Globali. L-appoġġ ipprovdut skont ir-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar l-SNR] għandu jingħata lil kapitoli esterni ta' kooperazzjoni [...] dment li **jiġu pprovduti mill-inqas ammonti ekwivalenti għall-kooperazzjoni transfruntiera u ammonti proporzjonati [...] għall-kooperazzjoni tranżnazzjonali interreġjonali u tar-reġjuni ultraperiferiċi** mill-Istrument Ewropa Globali.
2. Għall-implimentazzjoni ta' kapitolu tal-Pjan Interreg taħt ġestjoni kondiviża fi Stat mhux membru, għandu jiġi konkluż ftehim ta' finanzjament bejn il-Kummissjoni, li tirrappreżenta lill-Unjoni, u kull Stat mhux membru parteċipanti, irrappreżentat f'konformità mal-qafas legali nazzjonali tiegħu, **ħlief fil-kuntest tal-kooperazzjoni transfruntiera interna, f'konformità mal-Artikolu 7a(2).** Dak il-ftehim ta' finanzjament għandu jitqies bħala għodda għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

L-Istat Membru li jospita l-awtorità maniġerjali tal-kapitolu rilevanti tal-Pjan Interreg, irrappreżentat f'konformità mal-qafas legali nazzjonali tiegħu, jista' jkun ukoll parti għall-ftehim ta' finanzjament.

Meta Stat mhux membru [...] **jitransferixxi** lill-awtorità maniġerjali kontribuzzjoni finanzjarja biex jappoġġa l-kapitolu tal-Pjan Interreg, minbarra [...] **kwalunkwe** "kontribuzzjoni nazzjonali" [...] **skont it-tifsira tal-Artikolu 20 [ir-Regolament dwar l-SNR],** ir-regoli dwar il-kontribuzzjoni nazzjonali għandhom jiġu stipulati fil-ftehim ta' finanzjament.

Kwalunkwe ftehim ta' finanzjament għandu jiġi konkluż sal-31 ta' Diċembru tas-sena wara s-sena meta sar l-ewwel impenn baġitarju u għandu jitqies li huwa konkluż fid-data meta tkun iffirmitu l-aħħar parti. Meta kapitolu tal-Pjan Interreg ikun jinvolvi aktar minn pajjiż terz wieħed, tal-inqas ftehim ta' finanzjament wieħed għandu jiġi konkluż qabel id-data tal-iffirmar speċifikata fl-ewwel sentenza.

3. Meta l-implimentazzjoni ta' operazzjoni tirrikjedi akkwist ta' kuntratti ta' servizz, ta' provvista jew ta' xogħlijiet minn benefiċjarju li jkun awtorità pubblika li tinsab fi Stat mhux membru, dak il-benefiċjarju jista' japplika waħda minn dawn li ġejjin:
 - (a) il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali tal-Istat mhux membru kkonċernat dment li l-ftehim ta' finanzjament jippermettith u li l-kuntratt jingħata lill-offerta li toffri l-aħjar valur għall-flus, jew, kif xieraq, lill-offerta li toffri l-aktar prezz baxx, filwaqt li jiġi evitat kwalunkwe kunflitt ta' interessi;
 - (b) il-proċeduri ta' akkwist previsti fl-Artikoli 181 u 182 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

Artikolu 12

Ritorn tar-riżorsi u waqfien

1. Jekk, sal-[...] **31 ta' Marzu** 2030, il-kapitolu tal-Pjan Interreg ma jkunx ġie sottomess lill-Kummissjoni [...], il-kontribuzzjoni annwali mill-[...] **Fond** għal dak il-kapitolu tal-Pjan Interreg għandha tiġi allokata mill-ġdid għal kapitolu [...] **wieħed jew aktar** tal-Pjan Interreg li fih [...] **jipparteċipaw l-Istati Membri** [...] **kkonċernati**.
2. Jekk, sal-31 ta' Marzu 2031, ikun għad hemm kapitolu tal-Pjan Interreg, li ma jkunx ġew sottomessi lill-Kummissjoni, il-kontribuzzjoni mill-[...] **Fond** għal dawk il-kapitolu tal-Pjan Interreg għas-snin li jifdal sal-2034, li ma tkunx ġiet allokata mill-ġdid għal kapitolu ieħor tal-Pjan Interreg għandha tiġi allokata lill-kapitolu tal-Pjan Interreg li fih jipparteċipa l-Istat Membru kkonċernat.

3. Kwalunkwe kapitolu tal-Pjan Interreg li jkun diġà ġie approvat mill-Kummissjoni għandu jitwaqqaf jew l-allokazzjoni tiegħu għandha titnaqqas, f'konformità mar-regoli u mal-proċeduri applikabbli, b'mod partikolari jekk:
- i. l-ebda wieħed mill-pajjiżi sħab koperti mill-kapitolu tal-Pjan Interreg [...] **li jappoġġa l-kooperazzjoni dwar il-fruntieri esterni** ma jkun iffirma l-ftehim ta' finanzjament rilevanti sal-iskadenzi stipulati f'konformità mal-Artikolu [...] **11(2) ta' dan ir-Regolament**; jew
 - ii. il-kapitolu tal-Pjan Interreg ma jkunx jista' jiġi implimentat kif ippjanat minħabba problemi fir-relazzjonijiet bejn il-pajjiżi parteċipanti.
- Fil-każijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-kontribuzzjoni mill-SNR imsemmija fil-paragrafu 1 li tikkorrispondi għal pagamenti annwali li għadhom ma ġewx impenjati, jew pagamenti annwali impenjati u diżimpenjati totalment jew parzjalment matul l-istess sena baġitarja, li ma ġewx allokati mill-ġdid għal kapitolu ieħor tal-Pjan Interreg għandha tiġi allokata għal kapitolu ieħor tal-Pjan Interreg li fih jipparteċipa l-Istat Membru kkonċernat.
4. Il-kontribuzzjoni minn [fondi esterni] imnaqqsa skont dan l-Artikolu għandha tintuża f'konformità mar-Regolament [Ewropa Globali] rispettivament.

Artikolu 12a

Rkurpi

1. L-awtorità maniġerjali ta' kapitolu tal-Pjan Interreg għandha tiżgura li kwalunkwe ammont imħallas indebitament jiġi rkuprat fl-ewwel istanza mis-sieħeb ewlieni jew uniku. Is-sħab għandhom iħallsu lura lis-sieħeb ewlieni kwalunkwe ammont imħallas indebitament.

2. L-Istati Membri, jew, fejn applikabbli, l-Istat mhux membru parteċipanti f'kapitolu partikolari tal-Pjan Interreg jistgħu jiddeċiedu li s-sieħeb ewlieni jew uniku u l-awtorità maniġerjali għall-kapitolu kkonċernat ma jkunux obbligati jirkupraw ammont imħallas indebitament lil kwalunkwe wieħed mis-sħab li ma jaqbiżx EUR 250 mingħajr l-imgħax, f'kontribuzzjoni mir-riżorsi mill-Fond u minn Ewropa Globali għal operazzjoni f'sena finanzjarja. L-ebda informazzjoni oħra barra l-informazzjoni li ttieħdet tali deċizzjoni taħt l-ewwel subparagrafu ma għandha bżonn tiġi pprovudta lill-Kummissjoni.
3. Jekk is-sieħeb ewlieni ma jirnexxilux jiggarrantixxi l-pagament lura minn sħab oħra jew fejn l-awtorità maniġerjali ma jirnexxilhiex tiggarrantixxi l-pagament lura mis-sieħeb ewlieni jew uniku, l-Istat Membru jew l-Istat mhux membru li s-sieħeb ikkonċernat ikun jinsab fit-territorju tiegħu, għandu jirrimborża lill-awtorità maniġerjali kwalunkwe ammont imħallas indebitament lil dak is-sieħeb. Fil-każ ta' REKT, għandha titfittex responsabbiltà konġunta tas-sħab.
4. Ladarba l-Istat Membru jew, fejn applikabbli, l-Istat mhux membru jkun ħallas lura lill-awtorità maniġerjali kwalunkwe ammont imħallas lura indebitament lil sieħeb, jista' jkompli jew jibda proċedura ta' rkupru kontra dak is-sieħeb skont id-dritt nazzjonali tiegħu. Fil-każ ta' rkupru b'suċċess, l-Istat Membru jew, fejn applikabbli, l-Istat mhux membru jista' juża daww l-ammonti għall-kontribuzzjoni nazzjonali tal-kapitolu tal-Pjan Interreg ikkonċernat. L-Istat Membru jew, fejn applikabbli, l-Istat mhux membru ma għandu jkollu l-ebda obbligu ta' rappurtar lejn l-awtoritajiet responsabbli, il-kumitat ta' monitoraġġ jew il-Kummissjoni fir-rigward ta' tali rkupri nazzjonali.
5. Meta Stat Membru jew, fejn applikabbli, l-Istat mhux Membru ma jkunx irrimborża lill-awtorità maniġerjali kwalunkwe ammont imħallas indebitament lil sieħeb skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità maniġerjali għandha mbagħad tpaċi fir-rigward ta' dak l-Istat Membru, f'konformità mat-tqassim tal-obbligazzjonijiet fost l-Istati Membri parteċipanti stipulat fil-kapitolu dwar il-Pjan Interreg.

Fir-rigward ta' ammonti mhux rimborżati lill-awtorità maniġerjali minn Stat mhux membru, it-tpaċċja għandha tikkonċerna pagamenti sussegwenti għal programmi fil-qafas tal-Istrument Ewropa Globali tal-Unjoni taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni.

F'każ ta' korrezzjonijiet imposti mill-Kummissjoni għan-nuqqas tal-ilħuq tal-oġġettivi intermedji u l-miri, l-irkupru tal-ammonti li għandhom jiġu rritornati lill-kapitolu tal-Pjan Interreg ikkonċernat jitwettaq f'konformità mat-tqassim tal-obbligazzjonijiet fost l-Istati parteċipanti.

- 6. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni li tapplika korrezzjonijiet finanzjarji f'konformità mal-Artikolu 68 [ir-Regolament dwar l-SNR], kif xieraq.**

Artikolu 12b

Sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għall-pagament

F'konformità mal-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar l-SNR], il-pagamenti mill-Kummissjoni għandhom isiru f'konformità mal-appropriazzjonijiet baġitarji u soġġetti għall-finanzjament disponibbli. L-Awtorità Maniġerjali għall-kapitolu Interreg għandha tissottometti lill-Kummissjoni applikazzjoni għall-pagament f'konformità mal-mudell stipulat fl-Anness XI tar-[Regolament dwar l-SNR] sa għaxar darbiet kull sena kalendarja. L-ammonti inklużi f'applikazzjoni għal pagament għandhom jikkorrispondu għall-ammonti ġġustifikati mill-issodisfar tal-valuri tal-iżborż tal-oġġettivi intermedji u l-miri ssodisfati, f'konformità mad-deċiżjoni li tapprova l-kapitolu tal-Pjan Interreg u fuq il-bażi tal-evidenza miġbura u vverifikata mill-Awtorità Maniġerjali.

[...] PEACEPLUS

1. Kapitolu dwar il- [...] **PEACEPLUS** għandu jkopri l-kooperazzjoni bejn il-kontenji tal-fruntiera tal-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq, li għandu jiġi implimentat taħt ġestjoni kondiviża kemm fl-Irlanda kif ukoll fir-Renju Unit.
2. Il-Korp għall-Programmi Speċjali tal-UE, fejn jiġi identifikat bħala l-awtorità maniġerjali, għandu jitqies li jinsab fi Stat Membru.
3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għall-attivitajiet tal-Unjoni mir-Renju Unit għall-parteċipazzjoni tiegħu fil-kapitolu [...] **PEACEPLUS** fil-forma ta' dħul assenjat estern kif imsemmi fl-Artikolu 21(2), il-punt (e), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, għandha tkun parti mill-appropriazzjonijiet baġitarji għall-[Intestatura 1, [...], is-subprogramm "Pjan Interreg"].

Dik il-kontribuzzjoni għandha tkun soġġetta għal ftehim ta' finanzjament speċifiku mar-Renju Unit f'konformità mal-paragrafu (2) tal-Artikolu 11. Il-Kummissjoni u r-Renju Unit kif ukoll l-Irlanda għandhom ikunu partijiet għal dan il-ftehim ta' finanzjament speċifiku.

4. Meta l-kapitolu [...] **PEACEPLUS** ikun qed jaġixxi b'appoġġ għall-paċi u għar-rikonċiljazzjoni, għandu jikkontribwixxi wkoll għall-promozzjoni tal-istabbiltà soċjali, ekonomika u reġjonali fir-reġjuni kkonċernati, b'mod partikolari permezz ta' azzjonijiet għall-promozzjoni tal-koeżjoni bejn il-komunitajiet.
5. Meta l-kapitolu [...] **PEACEPLUS** ikun qed jaġixxi b'appoġġ għall-paċi u għar-rikonċiljazzjoni, l-operazzjonijiet li jkunu qed jiġu appoġġati jista' jkollhom sħab minn pajjiż parteċipanti wieħed biss.

KAPITOLU III

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 14

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat li għandu jiġi stabbilit f'konformità mal-Artikolu [...] **88(1)** [SNR].
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 15

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-[...] jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u l-qasam rurali, is-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà għall-perjodu 2028-2034.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

MUDELL GĦALL-KAPITOLU TAL-PJAN INTERREG

Ir-referenza/l-isem tal-kapitolu tal-Pjan Interreg u l-Fergħa ta' kooperazzjoni tal-Interreg

Referenza: Artikolu 8(3)(a)

CCI	Titolu tal-Kapitolu	Fergħa ta' kooperazzjoni tal-Interreg	Verżjoni
	Kaxxa tat-test [250]	Kaxxa tat-test [250]	

Il-mappa taż-żoni ġeografiċi u tal-pajjiżi koperti.

Kaxxa tat-test [[...] numru ta' karattri]

[...]

[...]

1. Strateġija tal-Kapitolu tal-Pjan Interreg

Referenza: Artikolu 8(3)(b) u (c)

[...]

[...]

(a) L-istrateġija ta' intervent tal-kapitolu tal-Pjan Interreg ibbażata fuq analiżi ċara tal-ħtiġijiet territorjali u tal-lakuni fiż-żona koperta,

Kaxxa tat-test [[...] 5 000]

- (b) L-identifikazzjoni tal-miżuri għall-kooperazzjoni, fosthom kwalunkwe miżura għall-iżvilupp territorjali jew lokali u spjegazzjoni ta' kif dawn il-miżuri mistennija jikkontribwixxu għal objettiv **speċifiku rilevanti wieħed jew aktar** [...] **imsemmija** fil-[...] **paragrafu 4 tal-** Artikolu [...] 7 ta' dan ir-Regolament,

ID tal-miżura	Isem tal-miżura	[...] Objettiv speċifiku primarju jew objettiv speċifiku għall-Interreg appoġġat *	Objettiv speċifiku sekondarju jew objettiv speċifiku għall-Interreg appoġġat (jekk applikabbli)	Spjegazzjoni tal-kontribuzzjoni
				Kaxxa tat-test [2 000]

- * Meta jitqies l-aspett multidimensjonali tal-investimenti u r-riformi ffinanzjati mill-kapitoli tal-Pjan Interreg, kull miżura tista' tiġi assenjata għal żewġ objettivi speċifiċi, fosthom objettivi speċifiċi ta' Interreg:
- assenjazzjoni "primarja" għall-objettiv speċifiku relatat b'mod predominanti mal-miżura inkwistjoni;
 - assenjazzjoni "sekondarja" biex taqbad subsett speċifiku tal-assenjazzjoni primarja, l-effetti kollaterali possibbli fuq it-tieni objettiv speċifiku, jew in-natura tal-benefiċjarji fil-mira tal-miżura.

2. Miżuri tal-kapitolu tal-Pjan Interreg

- (a) Deskrizzjoni tal-miżuri

Referenza: Artikolu 8(3)(c) u (d)

ID tal-miżura	Titolu tal-miżura	Deskrizzjoni tal-miżura li tinkludi l-azzjonijiet ewlenin previsti u l-gruppi fil-mira appoġġati	Kontribuzzjoni tal-Unjoni (EUR)	Kost totali stmat (EUR)
		Kaxxa tat-test [2 000]		
Assistenza teknika*				

*Stabbilita bħala rata fissa f'konformità mal-Artikolu 13(2) [proposta SNR]

(b) Dimensjoni territorjali tal-miżura

Referenza: L-Artikolu 14(4) u l-Anness II tar-Regolament XX [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni]

ID tal-miżura	Tip ta' territorju fil-mira	Tip ta' territorju fil-mira bis (fejn applikabbli)	Miżura għal reġjun ultraperiferiku/Gżejjer Minuri tal-Eġew/żona tat-Tramuntana skarsament popolata/reġjun tal-fruntiera tal-Lvant (fejn applikabbli)	Għodod territorjali (fejn applikabbli)
	[immarka l-kaxxa jew id-drop down menu] [kodiċi għad-dimensjoni tat-tip ta' territorju: 01 Żoni urbani 02 Żoni rurali 05 Tipi oħra ta' territorji fil-mira 07 L-ebda mira territorjali]	[immarka l-kaxxa jew id-drop down menu] [kodiċi għad-dimensjoni tat-tip ta' territorju: 03 Żoni affettwati minn tranżizzjoni industrijali jew 04 Gżejjer u żoni kostali] jew 05 Żoni muntanjużi	[immarka l-kaxxa għal kull tip ta' territorju] [Kodiċi għad-dimensjoni tat-tip ta' territorju: 01 Reġjuni ultraperiferiċi 02 Gżejjer Minuri tal-Eġew 03 Reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant 04 Żoni tat-Tramuntana skarsament popolati	[immarka l-kaxxa jew id-drop down menu] [Kodiċi għall-inizjattiva territorjali u d-dimensjoni tal-kooperazzjoni lokali: 01 Żvilupp territorjali u urban integrat 02 Żvilupp lokali mmexxi mill-komunità, fosthom LEADER 03 Għodod territorjali oħra

(c) Valutazzjoni tal-miżura fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri

Referenza: L-Artikolu 13 tar-Regolamentt XX [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni]

Informazzjoni dwar kif il-miżuri inklużi jikkonformaw mal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri filwaqt li titqies il-metodoloġija tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri.

ID tal-miżura	Qasam ta' intervent	Punteġġ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri
ID tal-miżura 1	Qasam ta' intervent 1	Drop down menu punteġġ 2 tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri punteġġ 1 tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri punteġġ 0 tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri
	Qasam ta' intervent 2	
ID tal-miżura 2	Qasam ta' intervent	

(d) Valutazzjoni tal-miżura La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti

Referenza: L-Artikolu 13 tar-Regolamentt XX [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni]

ID tal-miżura	Qasam ta' intervent	Valutazzjoni ta' La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti [1 000]
ID tal-miżura 1	Qasam ta' intervent 1	
	Qasam ta' intervent 2	
ID tal-miżura 2		

[...]

3. Objettivi intermedji u, miri u indikaturi tar-riżultati

għal kull miżura,

(a) Objettivi intermedji [...], miri u skeda ta' żmien

Referenza: Artikolu 8(3)(c)

Tabella li fiha l-objettivi intermedji, il-miri u l-iskeda ta' żmien għall-kapitoli bl-informazzjoni li ġejja:

ID tal-miżura	Isem tal- [...]miżura	[...] Qasam ta' intervent	Objettiv intermedju jew mira (numru ta' referenza)	Indikatur għall- [...] objettiv intermedju/mira kif stabbilit fir-Regolament XXX (ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni)/ jew speċifiku għall-miżura ħliet jekk l-ebda wieħed minn dawk l-indikaturi ma jkun adegwat*	[...]	[...]	[...]	Skeda ta' żmien indikattiva għall-kisba [...]				Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira [1000]	Valur tal-ħlas [...] [rilevanti għall-pagamenti tal-Kummissjoni lill-awtorità manġerjali]
								Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	[Kaxxa 1 000] tat-test	

* Jekk indikatur ma jkunx stabbilit fir-Regolament XX [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni], jeħtieġ li tiġi indikata l-unità ta' kejl.

(b) Indikaturi tar-riżultat

ID tal-miżura	Qasam ta' intervent	Objettiv intermedju jew mira (numru ta' referenza)	Indikaturi tar-riżultat			
			Isem	Linja bażi	Valur stmat	Sena tal-kisba
Miżura 1	Qasam ta' intervent 1	ID	-GHGE evitat (fejn rilevanti): - Ammont ta' investiment mobilizzat (fejn rilevanti): - Komponent indikatur ieħor 1: - Komponent indikatur ieħor 2: -(...)			
	Qasam ta' intervent 2	ID				

[...] **4. Finanzjament u kostijiet tal-miżuri**

Referenza: Artikolu 8(3)(d)

Għal kull miżura:

(a) Kost tal-miżuri

[...]	ID tal-miżura	Riforma/ Investiment	Kost[...] Totali Stmat (EUR)	Kontribuzzjo ni tal-Unjoni (EUR)	Kontribuzzjoni nazzjonali li tirriżulta (%)		[...] Qasam ta' intervent	Metodoloġija użata u deskrizzjoni tal- kostijiet [...] is- sors u li ssemmi l-proġetti ta' investiment jew ta' riforma tal- passat li jservu bħala parametri referenzjarji għall-istima tal- kost u s-sors tal- kostijiet għal dawn il-proġetti	Ġustifikazzjoni dwar il- plawżibbiltà u r- raġuni tal- kostijiet stmati [...], fejn meħtieġ [...] filwaqt li jitqiesu l-ispeċifitàjiet u l-metodi ta' aġġustament nazzjonali u reġjonali	Tip ta' [...] strument finanzjarju [fejn applikabbli] (garanzija, ekwità jew self)
					%	Kontribuzzj oni pubblika indikattiva (EUR)				
						Kontribuzzj oni privata indikattiva (EUR)		[3000]	[3000]	[...]

(b) Verifika tal-ilħuq tal-obiettivi intermedji u tal-miri

ID tal-miżura	Titolu tal-miżura	Obiettivi intermedji/miri	Iddeskrivi x'dokument(i)/sistema ser tintuża biex jiġi vverifikat l-[...]ilħuq; Iddeskrivi kif ser jitwettqu l-verifiki tal-maniġment (inkluż fuq il-post), u minn min; Iddeskrivi x'arranġamenti ser isiru biex tinġabar/jinġabru u tinħażen/jinħażnu d-data/id-dokumenti rilevanti.	[...] Arranġamenti biex jiġi żgurat ir-rekord tal-awditjar Jekk jogħġbok elenka l-korp(i) responsabbli għal dawn l-arranġamenti.
			[2 000]	[1 000]

[...] **5. Arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-kapitolu tal-Pjan Interreg**

(a) Arranġamenti għall-monitoraġġ u għall-implimentazzjoni effettivi tal-kapitolu tal-Pjan Interreg

Referenza: Artikolu 8(3)(e)

Awtorità maniġerjali: deskrizzjoni ta' kif l-awtorità maniġerjali ser tiġġestixxi l-kapitolu tal-Pjan Interreg f'konformità mal-Artikolu 51 [funzjonijiet tal-awtorità maniġerjali] tar-Regolament dwar l-SNR u mal-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament

Kaxxa tat-test [...] 1 000]

Awtorità tal-awditjar: deskrizzjoni

Kaxxa tat-test [1 000]

Kumitat ta' monitoraġġ: deskrizzjoni tal-organizzazzjoni u l-istruttura tal-kumitat ta' monitoraġġ; l-arranġamenti previsti biex jiġi żgurat li l-monitoraġġ tal-Pjan ikun konformi mal-Artikolu 10a

Kaxxa tat-test [1 000]

(aa) Deskrizzjoni tal-approċċ previst għall-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà għall-kapitolu tal-Pjan Interreg

Referenza: Artikolu 8(3)(e)

Deskrizzjoni tal-arranġamenti biex tiġi żgurata l-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni, b'mod partikolari meta jiġu promossi l-azzjonijiet u r-risultati tagħhom u r-riċevituri jiġu infurmati bl-eżistenza tal-appoġġ tal-Unjoni jew intermedjarji finanzjarji oħra jkunu obbligati jinfurmaw lil tali riċevituri finali b'dak l-appoġġ.

Kaxxa tat-test [2 000]

(b) Arranġamenti u sistemi biex jiġi żgurat użu regolari, effettiv u effiċjenti tar-riżorsi tal-UE, f'konformità ma' ġestjoni finanzjarja tajba u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu [...] **58 SNR** [Responsabbiltajiet tal-Istati Membri **għall-Kapitolu dwar l-Interreg**];

Referenza: Artikolu 8(3)(h)

Kaxxa tat-test [3 000]

(c) Awtoritajiet tal-kapitolu [...] tal-Pjan Interreg

[...] Awtorità	Isem tal-Istituzzjoni [500]	Isem il-persuna ta' kuntatt [200]	Indirizz elettroniku
Awtorità Maniġerjali			
Awtoritajiet Nazzjonali (fejn applikabbli)			
Awtorità tal-Awditjar			
Rappreżentanti tal-grupp ta' awdituri			

(d) Sommarju tal-proċess ta' konsultazzjoni mwettaq għat-tħejjija tal-Kapitolu u r-rwol tas-sħab fl-implimentazzjoni, fil-monitoraġġ u fl-evalwazzjoni

Referenza: Artikolu 8(3)(f)

Kaxxa tat-test [2 000]

(e) Deskrizzjoni tat-tqassim tal-obbligazzjonijiet fost l-Istati Membri parteċipanti u, fejn applikabbli, Stati mhux membri parteċipanti, fil-każ ta' korrezzjonijiet finanzjarji imposti mill-awtorità maniġerjali jew mill-Kummissjoni

Referenza: Artikolu 8(3)(g)

Kaxxa tat-test [2 000]